MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru 153/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**
**vs**
**Marisa Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Marisa Mifsud** ta’ 33 sena, bint John u Evelyn nee’ Bone, mwielda Sliema nhar it-3 t’ Awissu, 1970 u residenti 43, M.Lourdes, Triq iz-Zebbuga, Gudja u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 327370M;

Talli f’H’Attard, fil-Gudja u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fis-6 ta’ Frar, 2003, fit-12 ta’ Frar, 2003, fit-18 t’ April, 2003, fit-18 t’Awissu, 2003, fit-22 t’ Awissu, 2003 u/jew fil-granet ta’ qabel u dawk ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Minghajr awtorizzazzjoni ghamlet reat kontra l-uzu mhux dovut tal-Computer waqt illi kont impjegata ma' Property F billi wzajt l-indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer, kif ukoll billi kxift dokumentazzjoni t'appogg li ma kienx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietek u dan bi ksur ta' l-artikoli 337C(1)(a)(b)(c)(f)(g)(i)(j); 337C(4); u 337F(3)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tal-10 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputata sabiex tkun gudikata minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 337C(1)(a)(b)(c)(f)(g)(i)(j), 337C(2), 337C(4), 337F(3)(a) tal-kodici Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2007, l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni sabiex il-kaz kontra taghha ikun trattat u deciz bill-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti allegati mill-prosekuzzjoni u l-provi li ressqet sabiex tipprova l-istess, jistghu jkunu sintetizzati hekk: L-imputata kienet impjegata tas-socjeta' Property F Limited, liema impjieg kien terminat f'Ottubru tas-sena 2002. Minhabba dizgwid bejn l-kwerelant u l-imputata din tal-ahhar inizzjat proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali u f'dawk il-proceduri l-imputata esebiet kopja ta' e-mails li kienu indirizzati lill-kwerelant fi zmien meta hi ma kienitx ghada tahdem mieghu. Ghalhekk kien suspettat illli b'xi mod, l-imputata kellha access ghas-sistemi tal-computers tal-kwerelant minghajr il-kunsens tieghu. Dwar dan kienet infethet inkjesta u sussegwentement l-imputata tressqet quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi dedotti;

Mill-assjem tal-provi jemergi b'mod inkonfutabbli illi l-imputata kienet impjegata mas-socjeta' Property F Limited mit-30 ta' Marzu 2001 sat-30 ta' Novembru 2002. Mhux l-istess jista' jinghad dwar l-provi l-ohra akwiziti. Il-

prosekuzzjoni esebiet primarjament *process verbal* tal-inkjesta in rigward fejn jirrizulta illi kien nominat espert tekniku biex jirrelata dwar l-aspetti teknici tal-kaz. Ir-relazzjoni tal-espert kienet minnu esebita u hija mmarkata bhala Dok MB a fol. 38. F'din ir-relazzjoni hemm stqarrija ta' certu Dave Alan Caruana wiehed mis-sidien tal-*Web Host* li mieghu hu abbinat l-kwerelant. Dan il-persuna qatt ma xehed f'dawn il-proceduri u stante li stqarrija ta' xhud li mhux imputat mhix ammissibbli fi proceduri kriminali, din qed tkun skartata minn din il-Qorti. Fl-indagini tieghu, l-espert tekniku jispjega kif hu inghata CD kontenenti sbatax-il e-mail allegatament elevati mill-computer tal-imputata. Mill-process jirrizulta illi dan is-CD inghata mill-imputata lil WPS 95 u din ghaddiet l-istess lill-espert tekniku. Mill-process verbal ma jirriuzltax illi WPS 95 kienet nominata bhala *scene of crime officer* biex televa xi materjal mir-residenza tal-imputata u dan huwa wiehed mill-osservazzjonijiet li din il-Qorti hi fid-dover li tirrileva. L-espert tekniku ghamel il-kostatazzjonijeit u konkluzzjonijeit tieghu fuq is-CD mghoddija lilu. Il-konkluzzjonijet tieghu jaghmlu referenza biss ghall-kontenut ta' dan is-CD minghajr ma jitkellem fuq it-*trail* li seta' sab fuq il-computer tal-istess imputata u dan ghaliex il-computer ma kienx elevat u ezaminat.. L-espert tekniku jikkonkludi hekk:

"Illi l-emails misjuba fuq il-compact diskette elevati mir-residenza ta' Marisa Mifsud qatt ma setghu gew fil-pussess ta' Marisa Mifsud bil-metodu spjegat. Dan peress li l-forward address cioe' marisa@digitaldomain.de ma huwiex prezenti fil-header information tal-emails. Infatti dawn l-emails huma kopji tal-emails originali.

"Illi dawn il-kopji setghu biss saru kopji taghhom b'wiehed minn dawn il-metodi.

1. Kopji saru minn fuq l-mail server li jinsab ghand il-host u kontrollat minn Dave Alan Caruana.
2. Kopji saru fisikament minn fuq is-sistema tal-Property F.
3. Kopji saru permezz ta' xi backdoor software

"Illi kien liema kien il-process li bih Marisa Mifsud kisbet dawn il-kopji, llum il-gurnata tali pussess imur kontra il-provvediment fil-Kap 9 Artikolu 337(C) u (D)."

Dawn il-konkluzzjonijiet m'humiex abraccabbli minn din il-Qorti. Kien ikun aktar idoneu, *ad ezemplari,* li l-espert tekniku jaccedi fir-residenza tal-imputata, jezamina l-computer, jibghat e-mail lill-kwerelant minn computer separat u jara kif tircevieh l-imputata u fl-istess hin jezamina l-e-mails tal-istess imputata fuq l-computer taghha. L-espert invece, fis-sezzjoni intestata ANALISI fir-relazzjoni tieghu jghid illi "Huwa minnu li tramite l-forward fuq Outlook Express huwa possibbli li jsir forwarding ta' emails lil terzi persuni. Tali process automatikament jikkreja kopja ta' l-istess email fis-sent folder tal-Outlook Express. Kif ukoll l-email address ta' Marisa Mifsud, marisa@digitaldomain.de ikun visibbli meta tidhol fis-sent folder." Illi minn dak appena rilevat jidher li l-imputata setghet, waqt l-impjieg taghha, ghamlet *rule* fl-Outlook Express biex jaghmel forwarding jew redirection tal-mails u dan dejjem jekk koncess li l-kontenut tas-CD ikun ammess minn din il-Qorti. Izda l-istess relazzjoni tghid "Ghall-fini ta' verifika, l-esponent wettaq il-forwarding kif spjegat minn Marisa Mifsud minn fuq komputer indipendenti DOK MB5. Waqt li r-rizultat jikkonferma li forwarding huwa possibbli, jikkonferma ukoll li tali process huwa wiehed li jigbed l-attenzjoni tal-user tas-sistema peress li l-forwarding jirreplika kull email li tircievi s-sistema, u aktar meta fis-sent folder jkun sejjer jidher email-address lil min kienu qeghdin jigu forwarded dawn". Tazzarda terga tirribadixxi din il-Qorti li l-espert tekniku ma uzax il-protokol li jaccedi sia ghand il-kwerelant biex jara jekk l-e-mails tieghu kienux qed ikunu forwarded jew redirected ghand l-imputata u anke jaccedi fir-residenza tal-imputata biex jara kienitx irceviet dawk l-e-mails hekk forwarded jew redirected. Dan qed ikun puntwalizzat in vista sia tal-konkluzzjoni tal-istess espert kif ukoll in vista tax-xhieda tal-imputata li ddikjarat bil-gurament taghha li waqt li kienet ghadha tahdem mal-kwerelant kienet tat-*forwarding command* biex tirceivi l-e-mails diretti lejn il-kumpanija sabiex tkun tista' twiegeb minnufih skond l-istruzzjonijiet li kien ta' l-kwerelant.

Jirrizulta ukoll mis-CD ezebit illi ma hemm l-ebda test e-mail ricevuta mill-imputata li steghet intbaghtet mill-iespert tekniku lill-kwerelant. Inoltre l-mails kollha fuq is-CD jidhru lkoll *modified* fis-17.2.2004 u dan sia ghaliex ma saritx kopja taghhom qabel infethu ghall-ezami jew kienu kollha kopjata f'dik id-data u proprju ghaliex mhux moqrija direttament minn fuq il-computer tal-imputata. L-espert tekniku jikkonkludi li l-kopji tal-e-mails mertu tal-kawza setghu saru b'wiehed minn tlett modi izda ma jsemmix il-metodu ta' *forwarding* jew *redirection*. Il-kwerelant qatt ma qal li ma rceviex l-e-mails ghaliex fihom jidher li rrisponda ghal kull wahda minnhom. Jekk l-emails setghu gew ghand l-imputata b'wiehed mill-mezzi minnu msemmija, fejn l-uniku wahda possibbli hija li "kopji saru minn fuq l-mail server li jinsab ghand il-host u kontrollat minn Dave Alan Caruana, allura l-imputata mhix qed tghid il-verita' kollha fid-deposizzjoni taghha u qed tghatti ghal haddiehor. Setghet saret kopja fizikament minn fuq is-sistema tal-kumpanija izda f'tali kaz allura r-rejat ma kellux ikun dak adebitat lilha. In-kontro-ezami l-espert tekniku xehed illi e-mails ma jammontawx ghal *data* stante li din tal-ahhar hija parametri ta' informazzjoni mdahhal fis-sistema tal-computer bhalma huma dettalji ta' persuni f'*database* tal-ID Cards.

Minn dan kollu jemergi illi l-imputata kienet fil-pussess ta' informazzjoni fil-vesti ta' e-mails li ma jappartjenux lilha u li uzat din l-informazzjoni minghajr il-kunsens tad-destinatarju jew tal-persuna destinata. Ammess li dan jista' jkun rejat fih inniffsu, imkien fl-artikoli 337C u 337F ma hemm prezunzjoni ta' ksur ta' dawn l-artikoli bis-semplici pussess ta' tali informazzjoni. Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet dettaljata tal-imputata senjatament dwar il-fatt li dawn l-e-mails ma jammontawx ghal-*data, software* jew *dokument ta' appogg* kif ravvizat fl-artikoli 337C u 337F. Il-Qorti ma taqbilx illi e-mails ma jammontawx ghal-data stante li kull informazzjoni mahzuna gewwa computer hija data distingwibblli minn dik l-informazzjoni li hija mehtiega mill-computer biex jahdem b'mod generali jew biex jezegwixxi kmand li tkun komposta fil-vesti ta' software. Il-Qort, izda, ma tarax li ghandha tidhol fl-elementi li jikkostitwixxu r-rejati li biha

hija akkuzata l-imputata u dan ghaliex fl-ewwel lok l-akkuza tirreferi ghall-uzu hazin tal-computer meta l-imputata kienet impjegata mal-kwerelant u fit-tieni lok tirreferi ghal kxif ta’ dokumentazzjoni t’appogg fil-qadi ta’ dmirijiet taghha [waqt l-impjieg mal-kwerelant]. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt illi l-kwerelant jghid li hu qatt ma awtorizza lill-imputata taghmel *forwarding* tal-e-mails lilha nnifisha l-imputata tghid li kien l-kwerelant li esiga li jsir dan ghaliex kien jehtieg li dawn ikunu risposti mill-aktar fis u l-kwerelant ghamel zmien ma jersaqx l-ufficcju. Ir-rejati addebitati ghalhekk jirreferu ghal meta l-imputata kienet ghadha fl-impjieg mal-kwerelant u mhux li intercettat l-e-mails wara li kien terminat l-impjieg taghha. Dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk jippernja fuq il-verzjonijiet divergenti bejn il-kwerelant u l-imputata. Jidher li l-verzjoni tal-imputata hija aktar plawsibbli ghaliex jekk kull e-mail li kienet qed tkun *forwarded* kellha thalli *trail*, trail, huwa impossibbli li l-kwerelant qatt ma kien innota b’dan. Altrimenti hija vera id-dikjarazjoni vantata mill-imputata li meta l-kwerelant kien tant okkupat bis-separazzjoni personali tieghu ghamel zmien twil ma jersaqx l-ufficcju u anqas biss kien jaf x’qed jigri. Fil-fehma tal-Qorti hija verosimili l-verzjoni tal-imputata li hija verament kienet ghamlet *forwarding rule* mill-ufficcju tal-kwerelant fuq struzzjonijet tieghu u li ma giex f’mohhha li tnehhieh meta kien terminat l-impjieg taghha. X’gara minn hemm ‘l quddiem, riferibilment ghall-uzu tal-e-mails minnha ricevuti, jaqa’ taht dispost ta’ ligi ohra izda certament mhux taht dak li hija akkuzata bih l-imputata.

Ghalhekk ma ssibx lil imputata hatja u tilliberaha .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------